Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,132, 17 ta' Ottubru, 2023
Taqsima B

A.L. 235 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Rural Sciences and Food Systems taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Rural Sciences and Food Systems taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"il-Bord tal-Istudju" tfisser il-Bord tal-Istudju responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u għall-organizzazzjoni tal-Kors, appuntat mis-Senat;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Rural Sciences and Food Systems;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – in Rural Sciences and Food Systems; u,

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, jew ikollhom id-Diploma in Agriculture tal-Università ta' Malta.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perjodu ta' tliet snin ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti fuq bażi part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Programm ta' Studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall-Grad, imfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat, fil-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

L-Għotja tal-Grad

7. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) Il-Grad jista' jingħata flimkien ma università oħra skont ftehim li jkun approvat mis-Senat.